**KUNSILL LOKALI MUNXAR**
Triq Profs Ġużè' Aquilina
Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 10/08(25_11_08).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tlieta, 25 ta' Novembru 2008, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Saviour Spiteri - Viċi-Sindku.
Is-Sur Mario Camilleri - Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.
Is-Sur Patrick Grima - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fit-18 ta' Novembru 2008.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Jum il-Munxar 2008.
6. Il-Ftehim dwar kiri tal-Grawnd taċ-Ċentru Parrokkjali.
7. Attivitajiet tal-Milied 2008.
8. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
9. Rapport tas-Sindku.
10. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
11. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
12. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Jimmy Magro, Segretarju Eżekuttiv, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward il-*Bus Shelters*.

2.02 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 04953/08 – *Change of use of lace stores at 1st, 2nd and 3rd floor levels to 3 apartments, change of use of bar (and store) at existing roof level to duplex apartment including extension; display of advertisement* fi Triq Xatt ix-Xlendi, Xlendi. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjoni jridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.03 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Call for Project Proposals under the Interreg IVC Programme 2007-2013'.

2.04 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Raymond Micallef f' isem is-Subculture Animal Friends rigward il-Proġett fejn ser jitqassmu Animal Awareness Cartoon DVD u 4,000 *booklet* tal-kulur bla ħlas lill-istudenti tat-tielet klassi li jattendu l-iskejjel tal-Gvern.

2.05 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Mario Salerno, Sindku, Kunsill Lokali Kirkop rigward talba lill-Kunsilli Lokali li għandha x' taqsam ma' sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili, Prim Awla, t-Tnejn, 20 t' Ottubru 2008.

2.06 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Avukat Mario Scerri *draft* tal-ftehim li ser isir bejn il-Kunsill Lokali u l-Parroċċa tal-Munxar sabiex il-*ground* taċ-Ċentru jiġi amministrat mill-Kunsill Lokali.

2.07 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur George Saliba, Assistent Direttur, Uffiċċju Elettorali rigward 'October 2008 Electoral Register'.

2.08 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Michael Cohen, President, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li kienet tweġiba għall-ittra ta' l-Onor. Dr. Chris Said, Segretarju Parlamentari, Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni dwar numru ta' inizjattivi li tħabbru mill-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment waqt id-diskors tal-*Budget* ta' din is-sena.

2.09 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Onor. Dr. Chris Said, Segretarju Parlamentari, Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni rigward numru ta' inizjattivi li tħabbru mill-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment fil-*Budget* ta' din is-sena li għandhom iwasslu biex ikollna lokalitajiet sostenibbli.

2.10 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Noel Formosa, Sindku ta' San Lawrenz u Rappreżentant Reġjonali rigward 'Laqgħa dwar l-Attivitajiet tal-15–il Anniversarju tal-Kunsilli Lokali'.

2.11 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Sur David Soler, Uffiċjal Awtorizzat tal-Gozo Joint Committee for Law Enforcement kopja tal-Minuti tal-laqgħa li saret fl-10 t' Ottubru 2008, u l-Aġenda tal-laqgħa li jmiss ta' dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lill-Kunsilliera.

2.12 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Jimmy Magro, Segretarju Eżekuttiv, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward l-attivitajiet tal-15–il Anniversarju tal-Kunsilli Lokali b' anness kopja tal-programm.

2.13 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Kevin Sciberras, Uffiċjal Inkarigat Kultura – Għawdex fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex rigward Wirja Kommemorattiva li ser tittella' fil-Banca Giuratale, Victoria bejn is-6 u t-12 ta' Diċembru 2008, fl-okkażżjoni tal-15-il Anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali.

2.14 Il-Kunsill irċieva Avviż mingħand is-Sur Ian Vella, Uffiċjal Relazzjonijiet Pubbliċi, Korporazzjoni Enemalta rigward 'Inċentivi għad-Dawl tal-Milied fit-Toroq'.

2.15 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv, Kunsill Lokali Kirkop rigward sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali li tirrigwardja l-interess tal-Kunsilli Lokali kollha sabiex tinġieb għall-attenzjoni tal-Kunsilliera kollha.

2.16 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Ms Amanda Salib, Research Analyst, Direttorat għall-Intrapriżi Żgħar u Artiġjanat, il-Kunsill Malti għall-Artiġjanat fi ħdan id-Diviżjoni għall-Kummerċ, Ministeru għall-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment rigward 'Avviż fuq il-Magazine / Newsletter tal-Kunsill Lokali għal Żmien il-Milied'.

2.17 Il-Kunsill irċieva kopja ta' Stqarrija għall-Istampa datata 11 ta' Novembru 2008, maħruġa mis-Segretarjat Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni bit-tema 'Ċelebrazzjonijiet fl-Okkażżjoni tal-15-il Anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali'.

2.18 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Ms Maryrose Francica, AcrossLimits rigward is-*seminar* Priority Axis imtella' mill-fondi ta' l-Unjoni Ewropea.

2.19 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Ms Alexia Maria Sultana, Segretarjat Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni fejn il-Kunsill ġie mistieden għaċ-Ċerimonja ta' l-iffirmar tal-Karta Aalborg, fit-23 ta' Novembru 2008, fis-Citadel Centre for Culture & Arts, Victoria.

2.20 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Ms Marisa Darmanin, Urban Improvement Fund (UIF) Committee Secretary, MEPA rigward l-Urban Improvement Fund (UIF) *policy*.

2.21 Il-Kunsill irċieva invit mingħand l-Onor. Dr. Chris Said, Segretarju Parlamentari, Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni rigward konferenza li l-Malta-EU Steering & Action Committee (MEUSAC) jixtieq li jorganizza bil-fondi ta' l-Unjoni Ewropea u bis-sehem tal-lokalitajiet ġemellati.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand persuna li toqgħod fi Triq il-Kantra, Xlendi. Din qed titlob sabiex parti mill-bankina li għadha ma saritx titkompla. Il-Kunsill kien ser jgħid lill-Works Division sabiex titkompla.

3.02 Il-Kunsill irċieva ittra sabiex il-Kunsill jagħti *sponsor* sabiex isir DVD u jitqassam b' xejn dwar il-ħarsien ta' l-annimali lill-istudenti tat-tielet sena ta' l-iskejjel statali. Il-Kunsill ma jaqbilx ma' din il-proposta.

3.03 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Galea Curmi Engineering Services Ltd. fejn bagħtu kwotazzjoni sabiex jinbidlu n-numri ta' fuq il-lampi peress li dawn ma għadhomx jidhru. Il-Kunsill kien ser jieħu ħsieb biex jara hemmx xi mezz biex dan ix-xogħol isir b' orħos.

3.04 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand residenta ta' Triq il-Qsajjem, Xlendi. Din qed titlob sabiex issir *road hump* fejn jgħaqqdu Triq il-Qsajjem ma' Triq il-Kantra u Triq San Xmun. Il-Kunsill ma qabilx ma' din it-talba.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 10/08(25_11_08).

**5.00 Jum il-Munxar 2008.**

5.01 Ser issir quddiesa ta' Radd il-Ħajr fil-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl Nawfragu u wara programm ta' l-okkażżjoni fis-Sala taċ-Ċentru Parrokkjali. Ser isir qari tal-poeżiji rebbieħa fil-Kompetizzjoni ta' Poeżiji u tal-komponimenti rebbieħa li ħadu sehem fil-Kompetizzjoni ta' Komponimenti organizzati mill-Kunsill. Ser isir tqassim ta' premijiet lir-rebbieħa tal-Kompetizzjoni ta' Poeżiji u Komponimenti u wkoll tqassim ta' premijiet lir-rebbieħa tat-*Tournament* tal-Boċċi organizzat mill-Kunsill. Ser ikun hemm preżentazzjoni ta' kotba lil-Librerija taċ-Ċentru Parrokkjali u wkoll preżentazzjoni 'Ġieħ il-Munxar 2008'. In-nominazzjonijiet għal Premju Ġieħ il-Munxar ser jgħalqu fit-28 ta' Novembru 2008 u l-Kunsill ser ikompli jiddiskuti din il-materja fit-2 ta' Diċembru 2008.

**6.00 Il-Ftehim dwar kiri tal-Grawnd taċ-Ċentru Parrokkjali.**

6.01 Il-Kunsill beda jiddiskuti abbozz ta' kuntratt li ġie ppreparat mill-Avukat Mario Scerri sabiex il-faċilitajiet sportivi li hemm fil-grawnd taċ-Ċentru Parrokkjali jiġu amministrati mill-Kunsill u jkunu jistgħu jsiru xogħlijiet infrastrutturali li jkun hemm bżonn. Kien hemm qbil li t-tul taż-żmien tal-kuntratt ma jkunx aktar miż-żmien tal-leġislatura preżenti u l-kuntratt jiġi ffirmat wara li jkun hemm approvazzjoni mid-Direttur għall-Gvern Lokali.

**7.00 Attivitajiet tal-Milied 2008.**

7.01 Il-Kunsill iddeċieda li jagħti *hamper* lill-persuni li għandhom aktar minn 90 sena u lill-persuni b' diżabilita'. Ser tiġi organizzata ħarġa għall-anzjani fit-8 ta' Diċembru 2008 u attivita' oħra għat-tfal fid-29 ta' Diċembru 2008.

**8.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.**

8.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien sar xogħol ta' *patching* bil-*concrete* fi Triq ix-Xatba, Munxar. Rigward il-problema li ilma tax-xita qed iżomm fi Triq ix-Xlendi, l-ħaddiema tal-Works Division kienu naddfu l-ġnub tat-toroq sabiex l-ilma jkun jista' jmur għal ġol-Wied.

**9.00 Rapport tas-Sindku.**

9.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien wasal fi ftehim mal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma sabiex il-*metre* ta' l-ilma tal-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi jiġi installat ġewwa l-Mitħna u mhux fuq barra bħalma kien sar qabel. Il-Korporazzjoni ser tipprovdi l-*pipe* u ħaddiem tal-Kunsill ser jgħaddi l-*pipe* mill-*pipe* li hemm mirdum taħt l-art.

Il-ħin kien it-8 ta' filgħaxija u s-Sur Saviour Spiteri talab ikun skużat u ħareġ mil-laqgħa.

**10.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

10.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien għamel avviż sabiex jiżżejjnu xi toroq fil-Munxar u Xlendi iżda ħadd ma kkuntatja lill-Kunsill sabiex jagħmel dan ix-xogħol. Ġie deċiż li s-Sindku kien ser jipprova jġib xi stimi.

10.02 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li ġieli jiġri li xi kuntratturi li jkunu qed jagħmlu xogħol lill-Kunsill imorru jixtru xi oġġetti u jinvojsjaw lill-Kunsill u dan meta l-istess Segretarju Eżekuttiv ma jkunx jaf. Ġie deċiż mill-Kunsill li meta jiġri każ bħal dan il-Kunsill ma jħallasx dawn l-*invoices*.

**11.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

11.01 Is-Sur Patrick Grima talab lill-Kunsill sabiex mera fi Triq Dun Spir Gauci terġa' titwaħħal peress li dik li kien hemm tkissret bir-riħ. Din il-mera kienet ser terġa' titwaħħal.

11.02 Is-Sinjura Carmen Said ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li parti minn Triq ix-Xlendi u Triq il-Kantra fix-Xlendi huma mitfija. Kienu ser isiru rapporti ta' dawn il-ħsarat.

**12.00 Materji oħra.**

12.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li fi Triq San Pawl hemm lampa tat-triq li qiegħda mdawwra għal ġo sqaq li ma joqgħod ħadd fih. Huwa qed jissuġġerixxi li din il-lampa tiġi mdawwra għal Triq San Pawl. Kien hemm qbil dwar dan.

12.02 Is-Sindku informa lill-Kunsill li residenti ta' Triq is-Sienja talbu biex isiru tabelli f' din it-triq biex vetturi tar-residenti biss ikunu jistgħu jipparkjaw peress li t-triq hija dejqa ħafna. Kien hemm qbil dwar dan.

12.03 Is-Sindku ġie mitlub mis-Sur Duminku Borg sabiex isir *cement* fir-rampa ta' l-għalqa tiegħu li għadha kemm tkissret bl-ilma. Din l-għalqa qiegħda man-naħa ta' Triq Wied il-Għarab. Kien hemm qbil dwar dan.

12.04 Is-Sindku ġie mitlub mill-Għaqda ta' l-Armar sabiex il-Kunsill iħallas il-premijiet lir-rebbieħa tal-kompetizzjoni tal-Eco Presepju. Huma qed jitolbu mhux aktar minn €100. Kien hemm qbil dwar dan.

Il-ħin kien id-8.45 ta' filgħaxija u ġie deċiż li l-laqgħa tiġi aġġornata għal nhar it-Tlieta, 2 ta' Diċembru 2008, fl-4.30 ta' filgħaxija.

Il-Kunsill iltaqa' nhar it-Tlieta, 2 ta' Diċembru 2008, fl-4.30 ta' filgħaxija sabiex tiġi diskussa l-attivita' ta' Jum il-Munxar. Preżenti kien hemm; Is-Sur Joseph Sultana - Sindku, s-Sur Saviour Spiteri - Viċi-Sindku, s-Sur Mario Camilleri - Kunsillier, is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier, is-Sur Patrick Grima - Kunsillier u s-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Il-Kunsill irċieva nomina waħda għal Ġieħ il-Munxar. Sister Giovanna Francesca Curmi ġiet innominata għal dan il-ġieħ. Peress li l-Kunsill irċieva nomina waħda, kien hemm qbil unanimi li l-ġieħ jingħata lil Sister Giovanna Francesca Curmi mingħajr ma jiġi maħtur Bord ta' l-Għażla.

Ser issir preżentazzjoni ta' kotba mill-Kunsill lil-Librerija taċ-Ċentru Parrokkjali.

Ġie deċiż li l-Kunsill jistieden lill-Onor. Dr. Chris Said, Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni u lill-Onor. Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex sabiex jagħmlu diskors ta' l-okkażżjoni.

Ser jindaqqu siltiet mużikali bil-Klarinett u bis-*Saxophone* akkompanjati mill-*Piano* u wkoll kant mill-Kor 'Ilħna Smewwija'. Ser ikun hemm mistiedna Dun Tonio Galea, Kappillan tal-Munxar, l-Onor. Dr. Chris Said, Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni u l-Onor. Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex li flimkien mas-Sindku tal-Munxar iwasslu l-messaġġi tagħhom. Wara jindaqq l-Innu Malti u f' aħħar ikun hemm riċeviment.

Ġie deċiż li l-*Catering* jiġi ordnat mingħand Dolceria Ropa u fil-ħarġa għall-anzjani tat-8 ta' Diċembru 2008, l-anzjani ser jittieħdu għand il-Country Terrace Bar & Restaurant. Ġie deċiż li jsir Sports Festival fil-grawnd taċ-Ċentru Parrokkjali u Ħarġa bir-Roti lejn l-Għarb Folklore Museum, fl-14 ta' Diċembru 2008.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Għaqda tax-Xagħra qed titlob is-somma ta' €220 VAT inkluża sabiex tittella' l-Farsa fi tliet Atti 'Xandru l-Iskarpan'. Kien hemm qbil dwar dan.

Il-laqgħa spiċċat fis-6.00 ta' filgħaxija u ġie deċiż li dwar laqgħa oħra jiġi miftiehem aktar 'il quddiem.

| | |
|---|---|
| **Joseph Sultana** | **Anthony Grech** |
| ***Sindku.*** | ***Segretarju Eżekuttiv.*** |